**K U N S I L L   L O K A L I   K A L K A R A**
1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA
WEBSITE: www.kalkaralocalcouncil.com   TEL: 21665500
EMAIL: kalkara.lc@gov.mt   FAX: 21665566

**Seduta Nru:** 3-12

**Data: 20 ta' Marzu** 2012

**Hin:** 5.30p.m

**Post:** Ufficcju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti :** Michael Cohen - Sindku
Norbert Grech - Vici Sindku
Maria Sultana – Kunsilliera - skuzata
Speranza Chircop – Kunsilliera
Roderick Mizzi – Kunsillier

**Minuti** :

1. **Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tas-seduta nru; 02.12 gew moqrija u approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku is-Sur Michael Cohen u sekondati mill-Kunsilliera Speranza Chircop.

**2. Punti mqajjma mill-Minuti:-**

2.1 Bus Shelter.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li b'mod temporanju tpoggiet gazeebo mislufa lill-Kunsill Lokali mill-kumpannija General Soft Drinks. Huwa qal ukoll li bhala Kunsill, bqajna ninsistu sabiex it-trasport pubbliku jerga jigi bir-rotta l-antika. Din ser tigi fis-sehh meta ser isiru ir-revizjoni tar-rotot il-godda. Fir-rotta proposta minn Trasport Malta hemm problema minhabba li se tinqata r-rotta minn Triq Santu Rokku u San Leonardu minhabba d-diversi rapporti li l-karozzi tal-linja m'humiex qed ikunu jistghu jghaddu sew minn dawn it-toroq. Is-Sindku qal li huwa ser ikompli ghaddej b'diskussjonijiet ma Trasport Malta sabiex tinstab soluzzjoni ghal din il-problema.

2.2. Skema tad-Djar – Manutenzjoni fil-komun tal-binjiet tal-Gvern.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li minhabba li blokka wahda ma kelliex komun, kellha tintghazel blokka ohra minflokha. Il-binja mghazula kienet Blk2 Ent E Appartamenti 21 t'Anniversarju Triq l-Ghassieli.

**3 Komunikat mis-Sindku.**

3.1 Xogholijiet.

3.1a Is-Sindku nforma lill-Kunsill li x-xoghol fuq il-mafkar tal-Gwerra ser jigi aktar irfinut. Kif jitlesta x-xoghol fuq il-kolonna, ssir id-dawra bl-aluminium fejn ghandhom jehlu l-hamiem li gew ordnati b'200 ewro il-wahda.

3.1b Il-Progett fi Triq l-Isptar Navali tlesta u qed jitkompla l-hajt ta' taht.

3.1c Ser isir xoghol ta' tisbih fuq il-hwat tal-Pjazza Sagra Familja kif ukoll ser issir manutenzjoni fuq ir-roundabout u c-central strips tal-area ta' Bighi/Rinella.

3.1d Night Shelter – Dwar il-questionaire li tqassmet dwar in-NightShelter dahlu 14-il risposta.

3.1e Ser jibdew isiru diskussjonijiet fuq is-sahha, fil-berga/librerija nhar ta' Erbgha filghodu. Minhabba li l-post mhuwiex kbir biz-zejjed sabiex jinzammu ammont kbir ta' nies, l-avviz mhux se jitqassam f'kull dar, izda isiru avvizi bil-kelma.

3.1f Ser isiru attivitajiet ghat-tfal fis-sajf, bhal crafts, korsijiet tal-kompjuter u story telling.

**4. Korrispondenza.**

4.1 Petizzjoni minn xi residenti ta' Triq Santu Leonardu.

Din il-petizzjoni saret minhabba li r-residenti qeghdin jiddejqu mill-hsejjes tat-trakkijiet li jghaddu bi speed esagerat minn fuq is-sleeping policeman. Ghalhekk dawk iffirmati qieghdin jitolbu sabiex titnehha l-isleeping policeman. Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta pero gie deciz li minkejja l-problema tal-hsejjes, il-Kunsill jemmen li s-sigurta kemm tas-sewwieqa kif ukoll tar-residenti ghandha tkun ta' priorita u ghalhekk dawn ir-rampi ghandhom jibqghu fuq il-post imma jigu modifikati skond ir-rekwiziti ta' Transport Malta.

4.2 Ilmenti dwar grada li twahhlet fid-dahla tal-Fortizza Ricasoli.

Il-Kunsill ircieva diversi lmenti dwar grada li twahhlet fil-post imsemmi, u peress li dik l-area ma taqax fil-gurisdizzjoni tal-Kunsill u l-Kunsill ma giex notifikat fuq it-twahhil ta' din il-grada, il-Kunsill ghadda rapport lill-Enforcement tal-Mepa, fejn din qeda tigi nvestigata.

4.3 Bini tal-Wied.

Il-Kunsill ilu jircievi lmenti minn xi residenti li kull meta qed taghmel ix-xita, qed jidhlilhom ammont ta' ilma fil-btiehi u fid-djar taghhom. Minn investigazzjoni li ghamel il-Kunsill, instabu pajpijiet tal-bjut tan-nies li qedin jaghtu ghall-btiehi ta' dawn in-nies. Dan il-kaz gie diskuss mal-izviluppatur u minkejja dan xorta baqa ma sar xejn. Dwar id-decizjoni li kellha tittiehed fuq zvilupp iehor fl-istess Wied, il-Mepa ddecidiet li tipposponi d-decizjoni sakemm isir studju dwar il-volum ta' ilma se jinzel fi Triq il-Kapuccini meta jsir l-izvilupp u titnehha l-hamrija ezistenti. Il-Kunsill qieghed jishaq fuq din il-problema u li qabel tinstab is-soluzzjoni ghall-ilma tax-xita, m'ghandiex tittiehed id-decizjoni. Ghalhekk ghandu jitlaqqa bord sabiex jigu diskussi l-possibilitajiet li jsiru l-Culverts tat-toroq sabiex b'dan l-izvilupp ma tkomplix tikber il-problema

tal-ilmijiet fl-inhawi.

4.4 Ilmenti dwar hsarat fil-karozzi.

Il-Kunsill ircieva zewg ilmenti separati dwar hsarat fit-tyres tal-karozzi ta' zewg individwi li kienu ghaddejjin minn Triq Marina fejn Bighi li b'konsegwenza tax-xita li ghamlet it-triq inqalghet.
Il-Kunsill qara l-korrispondenza taz-zewg individwi kif ukoll ra r-ritratti li gew pprezentati u gie nnutat li l-ebda ritratt ma ttiehed fuq il-post. Ir-rapporti tal-pulizija ma sarux fl-istess gurnata tal-incident. Ghalhekk il-Kunsill iddecieda li l-evidenza li nghatat m'hix biz-zejjed li l-hsara saret fit-triq imsemmija.

4.5 Pots fi Triq il-Missjoni Taljana

Peress li dahlu diversi lmenti dwar il-pots bil-jukka fi Triq il-Missjoni Taljana gie deciz li dawn jitnehhew u jitpoggew fi Triq l-Isptar Navali fejn tlesta l-progett.

4.6 Ilment dwar arblu temporanju fi Triq Patist Borda.

Il-Kunsill ghamel ir-rapport lill-Enemalta sabiex jitnehha.

4.7 Mera fi Triq Guze Porsella Flores.

Saret proposta ghal mera ohra fi Triq Guze Porsella Flores. Peress li ghadha kemm tpoggiet ohra ftit il-fuq, il-Kunsill Lokali qabel sabiex ghalissa ma jsirux aktar mirja fl-istess triq.

4.8 Central Strip fi Triq il-Missjoni Taljana.

Gie resident li ghandu garaxx fi Triq il-Missjoni Taljana fejn dan qieghed jghid li minhabba c-central strip li hemm quddiem il-garaxx tiehu m'huwiex qed ikun jista idahhal il-karozza fil-garaxx. Il-Kunsill iddecieda li titnehha parti mic-central strip u minflok titwahhal bolard.

4.8a Il-Vici Sindku s-Sur Norbert Grech qal li gie avvicinat minn diversi residenti ta' Triq il-Missjoni Taljana fejn dawn qieghdin jitolbu li l-parking bays isiru fit-Triq peress li huma qieghdin jghidu li t-triq taghhom hija triq privata. Is-Sindku qal li sabiex dan isir ghandhom igibu prova li dan huwa minnu fejn imbghad l-awtorita tal-artijiet kif ukoll il-Mepa jaghtuhom il-permess li jaghlqu t-triq.

4.8b Il-Vici Sindku qal ukoll li l-kuntratt tal-knis m'huwiex jigi osservat kif suppost. Mill-Bidu tat-telgha ta Triq Marina sal-Kalkara Boatyard m'huwiex jinkines. Is-Sindku qal li qed jithalla r-ramel barra minn individwi li qed jahdmu fl-istess triq u bix-xita dan qed jinzel ghal nofs it-triq. Is-Sindku qal li dalwaqt hierga it-tender ghall-knis u tindif, u b'hekk certi nuqqasijiet ghandhom jigu solvuti, peress li tizdied il-klawsola fejn f'kaz li x-xoghol ma jkunx qed isir kif mitlub, il-Kunsill ikollu d-dritt jaghmel ix-xoghol hu ghas-spejjes tal-kuntrattur. Dwar l-ilment ta' quddiem il-boatyard il-kuntrattur ghandu jgib bowser sabiex jahsel l-area msemmija.

5. PlayingField Misrah Arcisqof Gonzi

Ser jibda jsir xoghol fl-area tal-bandli skond kif irrapportat fir-rapport tal-istat tal-Playing Fields.
Il-bandli tal-kbar m'humiex se jithallew fejn dawk tal-kbar, Issir il-manutenzjoni fuq iz-zurzieqa u jitkabbar is-surface area tat-tapit. Tinghalaq l-area tal-bandli tat-tfal iz-zghar b'xatba u

jitwahhlu t-tabelli tan-No Smoking. Isiru t-tabelli bl-etajiet tat-tfal li jistghu juzawhom.
Ghal dan il-progett il-Kunsill approva nefqa ta' mhux aktar minn 10,000 ewro, b'parti minnhom mill-fondi tal-UIF, fuq proposta tas-Sindku. Is-Sindku ppropona wkoll li jinghata isem lill-PlayingField tax-Xatt bil-possibilta li l-isem ikun marbut maz-zjara tal-Papa Benedittu XVI.

## 6. <u>Approvazzjoni tal-Lista ta' Pagamenti</u>.

Giet approvata wkoll il-lista tal-pagamenti bin-numru tar-referenza 3-12.

## 7. <u>Aggornament</u>

7.1 <u>Il-Vici Sindku Norbert Grech gibed l-attenzjoni fuq dan li gej:</u>

a. Fi Triq Rinella fejn ic-Cimiterju tal-Lhud hemm hafna dlam Is-Sindku qal sabiex jigi kkuntattjat il-Kuntrattur sabiex naraw x'possibilta ta' dawl tista tinholoq.

b. Isiru l-parking bays fi Triq Ganni Raimondu. Is-Sindku qal li din it-talba ghandha ssir mir-resdienti kollha taht forma ta' petizzjoni.

c. Il-bankina ta' Triq il-Luqqata qed tizloq. Is-Sindku qal li ser jikkuntattja lill-kuntrattur sabiex naraw x'jista jsir.

d. Tindif tal-ispralli tax-Xatt - Is-Sindku qal li dawn ser jitnaddfu qabel is-Sajf.

e. L-istat hazin tat-tiswijiet tal-water services fi Triq San Leonardu, sabiex jitrangaw mill-kuntrattur waqt li jkun qieghed isir ix-xoghol ta' patching u tarmak.

7.2 <u>Il-Kunsilliera Speranza Chircop qajjmet dawn il-punti:</u>

a. Issir funtana minflok il-flowerbed tat-telgha ta' Bighi. Is-Sindku qal li minhabba n-nuqqas ta' finanzi bhalissa l-priorita huwa l-upgrading fil-bandli.

b. Jitrangaw il-flowerbeds ta' Triq Patri Mattew Sultana. Is-Sindku qal li dawk huma privati.

c. Pproponiet li jerga jinfetah is-shelter tal-gwerra li kien hemm taht il-pjazza tas-Sagra Familja. Is-Sindku qal li huwa minnu li kien hemm shelter u li jkun sabih kieku jinfetah pero dan ma jistax isir minhabba li kieku jkollha taqa l-pjazza tas-Sagra Familja.

d. Hija pproponiet sabiex jinstab post li jitpogga fih il-materjal sabiex isir il-kompost.

Is-Seduta spiccat fit-8.30 ta' filghaxija u giet aggornata sine dia.

M.Cohen
Sindku

S Galea Iriele
Seg Ezekuttiv